



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

11609/22

LIMITE

ENV 778

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0243 (NLE)

---

---

#### ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-tmien sessjoni tal-Laqqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewrasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 għall-Ftehim

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fit-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet  
għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni  
tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewrasjatiċi  
fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Anness 3 għall-Ftehim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewrasjatiċi ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999 u ġie approvat fisem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE<sup>1</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu X(5) tal-Ftehim, il-Laqqha tal-Partijiet tista' tadotta emendi tal-Annessi għall-Ftehim.
- (3) Matul it-tmien sessjoni tagħha, li ser isseħħ mis-26 sat-30 ta' Settembru 2022, il-Laqqha tal-Partijiet hija mistennija tadotta riżoluzzjoni dwar l-adozzjoni tal-emendi tal-Anness 3 għall-Ftehim.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fit-tmien sessjoni tal- Laqqha tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi proposti, peress li r-Riżoluzzjoni ser tkun vinkolanti fl-Unjoni u ser tkun kapaċi tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, prinċipalment id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (ĠU L345, 8.12.2006, p. 24).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

- (5) L-emendi proposti tal-Anness 3 għall-Ftehim sottomessi mir-Renju Unit u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 8.2 li jikkonċernaw il-ħames speċijiet li ġejjin: il-Wiżża Griża - *Anser anser*, il-Brajmla tat-Toppu Aħmar - *Netta rufina*, il-Pluviera Pastarda - *Pluvialis squatarola squatarola*, il-Gallina tal-Baħar Ewrasjatika - *Haematopus ostralegus longipes* u l-Wiżża tal-Ful, l-Wiżża tal-Ful tat-Taiga - *Anser fabalis fabalis*, jikkontribwixxu biex jinkiseb livell ogħla ta' protezzjoni ta' dawn il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li qed jonqsu u għalhekk jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward tal-emendi proposti li jikkonċernaw dawk il-ħames speċijiet, peress li dawn jeħtieġu emenda tad-Direttiva 2009/147/KE, li mhix possibbli fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħhom mil-Laqgħa tal-Partijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fit-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi għandha tkun li ġejja:

L-Unjoni għandha tapprova l-emendi tal-Anness 3 għall-Ftehim sottomessi mir-Renju Unit u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 8.2 tat-tmien sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw il-ħames speċijiet li ġejjin: il-Wiżża Griża - *Anser anser*, il-Brajmla tat-Toppu Aħmar - *Netta rufina*, il-Pluviera Pastarda - *Pluvialis squatarola squatarola*, il-Gallina tal-Baħar Ewrasjatika - *Haematopus ostralegus longipes* u l-Wiżża tal-Ful, l-Wiżża tal-Ful tat-Taiga - *Anser fabalis fabalis*.

### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---